# L-Għorfa

## minn Mary Psaila

Għalkemm kienu tewmin, xejn ma kienu jixxiehbu, Karmnu kien twil u rqajjaq, waqt li Marju kien qsajjar u ftit imbaċċaċ. Karmnu kien ftit imfartas, jixbeh in-neħe ta' missieru, waqt li Marju kellu xewxtu bajda u jiġbed lejn in-neħe t'ummu. Kienu l-uniku żewġ ulied li kellhom Lunzu u Rużi li kienu joqogħdu Ħel Tmikki, ir-Reħel t'Isfel.

Mite missier Lunzu miet, ħellielu daqsxejn ta' għorfa f'Tar-Rumi, ent u nieżel ir-Ramla. Kienet ġa nofs għalqa u mdawwra dawramejt bir-raba' wkoll, la kien hemm bini u wesq inqas traffiku, kont titpaxxa bil-kwiet li kien ikewn hemm u kont tħussok li qiegħad il-ġenne. Lunzu kien irranġa xi ftit din l-għorfa billi żid kamra foq wara tegħhe u kabbar is-seteħ biex ikullhom fejn jilgħabu t-tful, u Rużi l-hene tegħhe mite jasal tmiem il-ġimgħa u tmowr tqatta' jumejn fil-ville, għaliex hekk kienet tgħajdile.

Kemm Karmnu u anki Marju, xejn ma kienu jħubbu l-iskula, l-iżjed li kont issibhom fit-triq jilagħbu ma' xi tful oħra, u fis-sajf ir-Ramla biex jgħowmu. Mite għalqu l-erbatux-il sene, spiċċaw għal kullox l-iskula u ntafaw jugħtu daqqa t'id lil missierhom fix-xogħol tiegħaw.

Fejn tura lil Karmnu, kont issib lil Marju. Kienu jinġiebu ta' vieru aħwa, kienu bieżlin qetigħ u qett ma jirrifjutaw xi xogħol, u l-hene tegħhom kien ikewn mite kienu jkewnu fl-għorfa.

Kienu għodhom kif għalqu it-tmintux-il sene, mite ummhom Rużi mardet, u ma dametx ma ħelliet din id-dinje. Missierhom ħuda bi kbire wesq it-telfe ta' martu u bide jmowr lura ftit ftit. It-tewmin, ħesbu biex imurru joqogħdu fl-għorfa u qulu lil missierhom b'dun il-ħsieb, u hew, min-neħe tiegħaw, qebel megħhom.

Għalkemm Karmnu kellu namruta, Marju qett ma ried juf b'nise, għaliex kien jgħajd li żwieġ hew rabta kbire. Mite għaddew xi ftit xhowr in-namruta bdiet issows biex Karmnu jgħajd lil missiere li xtuqu jiżżewwġu, u minn haw' Karmnu nduna li b'mara miegħaw sa jkullu is-sikketure u dik il-lejle stess bla tlaqliq ta xejn qalilha biex idabbar rusha għax ma jridx jiżżewweġ.

Bejn it-tewmin kien hemm dik rabta t'aħwa li ma tantx issib bħula. Mite miet missierhom iżjed ġew qrib xuxin u Alla ħures kien ikewn xi ħedd minhom marid għaliex l-ieħor ikewn qisu miġnewn.

Iż-żmien jgħaddi, u t-tewmin issa qurbu is-sebgħejn sene, kienu waqfu mix-xogħlijiet li kienu jagħmlu, ma kienewx xi sinjuri, imme kienu tful bil-għaqel u matowl iż-żmien li għamlu jeħdmu, kienu fadlu duk is-sold għall mite jikbru.

"Kemm qiegħad naruk ħusbien dalgħodu Karm? Jaqaw ma tifleħx? Għandek xa ħuġa ħi?"

"Le Mar, mhewx ma nifleħx, imme mħesseb, il-biereħ xħin kunna l-ħenewt ta' Wenzu, kien hemm Salvu ta' Ġanna u smajtu jgħajd li mur għand in-nutur biex jagħmel it-testment. Eħne qett ma ħsibne f'hekk li mite jmewt xi wieħed minne jista' jinqala' l-inkwiet la m'hemmx kitbe. X'teħseb ħi?"

"Ħeqq, il-lejle la mmurru l-ħenewt jekk ikewn hemm Salvu nsaqsowh għand min mur u x'għamel, u eħne nagħmlu bħulu, sewwe? Issa ħellik mit-testment u ejje ħow skutelle kafè u biċċe ħobż mixwije."

"Sewwe qiegħad tgħajdli ħi, il-lejle naraw."

Filgħaxije wasal, u wara li kielu, telqu l-ħenewt ta' Wenzu għal dik in-naqa nbid, u Salvu hemm kien ukoll bit-tazza f'idu.

"Nagħmillek naqa oħra Salv?" Qallu Marju.

“Le ħebib, din biżżejjed, għaliex inkelle jkulli l-banda ma’ Ġanna, l-aqwa li niġi naqa s’haw u nsib ngħajd kilme ma’ xi ħedd, umbagħad għar-reqde. Allura xi tgħajduli? Kullox sew jew?”

“Eħne mhewx ħeżin kieku, għan-niżle bħex-xjowħ, imme għadejjin.”

Qebeż Karmnu u qul, “Salv, il-biereħ smajtek tgħajd foq xi testment, ħija u jien għadne, kieku tgħajdilne għand min mort u x’għanne nagħmlu, tagħmlilne pjeċir.”

“Mele le sijab, ara, jiene mort għand in-nutur Brincat li jservi nhur ta’ Tliete, qiegħad il-Belt, fi Triq Merkanti, numru disgħa. Għal xi disgħa jifteħ u jdewm hemm sas-siegħa. Nuf li ma tantx tħubbu toħurġu, imme xejn xejn mawra sal-Belt tbiddel naqa r-rutina hewx. Ħures, jekk tkewnu hemm qebel id-disgħa aħjur għax tinqdew minn tal-ewwel.”

“Grazzi Salv, u għar-rewħ il-mejtin tiegħak, it-Tliete mmurru sal-Belt u nagħmlu dun l-imbierek testment.

It-Tliete wasal u mas-sebgħa ta’ filgħodu kienu l-pjazza tar-reħel biex jirkbu tal-linje għall-Belt. X’ħin waslu kien għodu l-ħin u qatagħwe li jmurru jieħdu kafè u żewġ pestizzi, subu ħenewt u urdnaw li xtuqu. X’ħin duk li servijhom puġġa l-kafè  u l-pestizzi foq il-mejde, ħursu lejn xuxin.

“Din il-boqqa kafè, laqqas sa tasal sat-tarf ta’ gerżumti Mar.”

Qebeż Marju u qallu. “Dawn pestizzi tgħajdilhom? Laqqas in-nide ħdejn ix-xite mal-pestizzi ta’ Ġużepp il-Miġnen. Mnalla lestejt dik il-burma ħexix ilbiereħ filgħaxije, biex la mmurru lura jkullna x’nieklu.”

X’ħin qurbu d-disgħa, kienu wara l-bieb tal-uffiċċju tas-Sur Brincat, li dun, eżatt qiegħdin idoqqu d-disgħa tfaċċa fejn il-bieb.

X’ħin ruhom hemm staqsiehom x’għandhom bżonn, u hume qalulu li riedu jkellmu lis-Sur Brincat.

“Jien hu, għaddu ġewwa, u naħseb li m’għandkomx appuntament hux?”

“Le sinjowr, qalilna bik Salvu ta’ Ġanna biex inkellmewk foq it-testment.”

“Ara għandi nofs siegħa qabel tiġi l-ewwel klijenta, nipprova naqdikom.”

“Grazzi sinjowr”, wiġbewh it-tnejn f’daqqa.

Daħlu fl-uffiċċju u wara li qagħdu bilqiegħde, qallhom, “Issa għiduli fiex nista’ naqdikom.”

“Sinjowr, eħne aħwa, anzi tewmin u nixtiequ li nagħmlu testment, biex jekk jiġi nieqes xi wieħed minne l-ieħor jaqa’ kullox f’idejh, m’eħniex xi sinjuri tu’, imme n-naqa li qlajna dejjem bżajna għalihe u minbarra dur ta’ Ħel Tmikki hemm għorfa li hij tagħne wkoll.”

“Kemm-il darba ngħajdlek ħi, ummi kienet tgħajdile l-ville u hekk hij għaline wkoll Karm.” Qallu ħowħ Marju.

Kif sama’ l-kilme ville, in-nutur berreq għajneh u feteħ widnejh bereħ, ħures ħursa lejhom it-tnejn u bejnu u bejn rewħu qul. “Naħseb li dawn huma xi sinjuruni u ma jkunux iridu juru.” Umbagħad kumpla, “Ara sinjuri, kulma għandkom bżonn hu, li tgħiduli, isimkom, fejn toqogħdu u dak li tixtiequ, jiena nirranġa l-karti kollha li hemm bżonn biex tiffirmawhom, insibu żewġ xhieda biex flimkien niffirmaw it-testment. Imma issa wasal il-ħin għal klijenta li tidħol. Nistgħu nirranġaw xi ġurnata u ħin? Intom meta tkunu tistgħu? U fejn toqogħdu?”

“Eħne ma neħdmewx u dejjem l-għorfa nkewnu, qiegħde ent u nieżel għar-Ramla ta’ San Tumus, m’hemmx fiex titfixkel għaliex qiegħde għalihe weħide f’nofs l-għalqa.”

(***Naħseb li tassew xi sinjuruni u aħjar nara kif nagħmel u naqdihom***)

“Ara kif nagħmlu, u ma toqogħdux tinqalgħu intom, jiena nhar it-Tnejn għandi ninżel iż-Żejtun għaliex għandi xi xogħol tal-klienti, jekk tridu, niġi għandkom għal xi tlieta ta’ waranofsinhar, sewwa hekk? Fil-każ inġib kollox miegħi bil-lest.”

“Grazzi sinjowr, hekk aħjur, għax eħne ma tantx inħubbu noħurġu u xejn xejn laqqas inħellu l-għorfa weħide.” Qallu Karmnu.

“Dwur flews, tikkunfundix sinjowr, għax eħne nħallsowk tajjeb.” Qallu Marju.

“Sinjuri, għalissa saħħa u grazzi, niltaqgħu nhar it-Tnejn għal xi tlieta... Saħħa.”

“Saħħa sinjowr u grazzi ta’ kullox.”

It-Tnejn wasal u s-Sur Brincat niżel it-triq li tuti għar-Ramla ta’San Tumus, iħures ’l haw u ’l hemm biex jura jilmeħx il-ville u sa nofs triq ma rux ħlief xi girne, jew xi kmajra nufsha mwaqqa’, u mite qabad in-niżle Tar-Rumi, ru fetħe ta’ raba’ li minn Lamburdi

tasal sal-Munxur, imme ibde ville ma kienet tidher, ħlief daqsxejn ta' għorfa f'nofs l-għalieqi kemxejn żdinġuti.